MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tat-23 ta' Marzu, 2006

Numru 115/2006

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR ANTHONY PORTELLI**

**VS**

**MARIO ATTARD**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Mario Attard, ta' 50 sena, bin John u Mary nee' Gatt, imwieled il-Hamrun, nhar it-13 ta' Gunju, 1955, residenti fil-fond numru 62, Brenda, F/2, Triq il-Kuncizzjoni, San Gwann, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 446255 (M);

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer b'diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti, u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi, u li gew maghmula f'risoluzzjoni wahda, u cioe':

a) Talli fl-isptar San Luqa u f'lokalijtajiet ohra f'dawn il-Gzejjer nhar it-23 ta' Jannar, 2006 u fix-xhur ta' qabel, bhala ufficjal jew impjegat pubbliku li ghal xi vantagg privat tieghu, ghamel uzu minn flejjes tal-Gvern jew tal-privat, karti ta' kreditu jew dokumenti, titoli, atti jew hwejjeg mobbli, illi kienu gew fdati lilu minhabba l-kariga jew impieg tieghu, jew seraqhom ghad-detriment tal-Gvern ta' Malta:

b) U aktar talli fl-istess perjodu, lok, hin u cirkostanzi, ikkommetta serq ta' diversi oggetti tal-ikel mill-Isptar San Luqa, liema serq huwa kkwalifikat bil-lok, bil-valur kif ukoll bil-persuna, u li sar ghad-detriment tal-Gvern ta' Malta

c) U aktar talli fl-istess perjodu, lok, hin u cirkostanzi, xjentement laqa' ghandu jew xtrata hewjjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom, jew imexxiehom.

Wara li rat l-Artikoli 127, 261, 267, 268, 269, 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkunsidrat:

Illi fuq ammissjoni tal-imsemmi mputat Mario Attard, fl-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri wara li nghata zmien xieraq skond il-Ligi biex jikkonsidra din l-ammissjoni tieghu.

Rat li t-tielet akkuza inghatat bhala alternattiva ghall-akkuzi l-ohra, u ghalhekk tastjeni milli tiehu konjizzjon ulterjuri taghha.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qeigheda ssib lill-istess Mario Attard hati tal-akkuzi kif dedotti kontrieh u ghaldaqstant tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena (1) mil-lum, *ai termini* tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata tas-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

----------------------------------TMIEM----------------------------------